# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. NOEL V. ARRIGO LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. JOSEPH D. CAMILLERI B.A., LL.D.**
**ONOR. JOSEPH A. FILLETTI B.A. LL.D., A.R.HIST.S.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 31 ta' Mejju, 2002.**

**Numru**

**Appell numru 432/00**

**Anthony Taliana**

**vs**

**Direttur tas-Sigurta' Socjali**

**Il-Qorti;**

**PRELIMINARI**

1. Dan l-appell qed isir mid-decizjoni ta' l-Arbitru mahtur taht il-provvedimenti tal-Kap. 318 liema decizjoni ggib in-numru 243/00 u giet moghtija fl-20 ta' Ottubru 2000 u li fiha, wara li kkunsidra l-appell ta' l-appellat odjern Anthony Taliana, u wara li ddikjara li l-profitt mhux distribwit tal-kumpanija Aluminium Windmill Co. Ltd ghandu jittiehed in konsiderazzjoni mid-Direttur appellant, laqa' in parte l-appell tal-imsemmi Anthony Taliana dwar it-taxxa dovut fuq il-profitti mhallas mill-

kumpanija, fis-sens li d-Direttur ghandu jiehu in konsiderazzjoni il-profitt tal-kumpanija <u>wara</u> li titnaqqas it-taxxa tad-dhul.

**<u>L-APPELL TA' L-INTIMAT DIRETTUR TAS-SIGURTA' SOCJALI</u>**

2. Illi l-intimat hass ruhu aggravat mill-imsemmija decizjoni u interpona appell minnha quddiem din il-Qorti wara li elabora kif ser jinghad :

"Illi brevement il-fatti tal-kaz huma dawn :

(a) L-appellant Anthony Taliana ghamel talba biex jithallas il-beneficcju tac-*Children's Allowance* ghas-sena 1996.

(b) Illi l-esponent ikkonsidera li l-appellat kellu 50% ta' l-ishma fil-kumpanija *Windmill Aluminium Co. Ltd.* Din is-socjeta' ghamlet qliegh ta' Lm12,409 ghal matul is-sena li ghalqet fil-31 ta' Dicembru 1996.

Nofs dan il-qliegh (Lm6204) gie kunsiderat bhala dhul ta' l-appellat u ghalhekk gie mizjud ma' dak id-dhul li ddikjara l-appellat fit-talba tieghu ghal dik is-sena. Dan kien ifisser li l-appellant kien intitolat ghal tnax-il centezmu fil-gimgha.

(c) Illi l-esponent wasal ghal dan il-kalkolu tal-beneficcju skond is-Seba' Parti tat-Tieni Skeda ta' l-Att dwar is-Sigurta' Socjali kif kienu fis-sehh qabel l-emendi ta' l-Att II 1999.

(d) L-appellat oggezzjona ghal din id-decizjoni u interpona appell quddiem l-Arbitru billi qal li fl-1996 is-socjeta' tieghu ma kienitx qassmet il-profitti u dak li sejjah *pre-tax profit* mhux distribwit tal-kumpanija ma ammontax ghal *"income or privilege which is received or enjoyed by the head of household and his wife*". Inoltre taxxa mhallsa, skond l-appellant, qatt ma tista' tigi ricevuta mill-kap tal-familja, jew martu, ghax hi mnaqqsa *at source*. L-appellant zied jissottometti li l-kumpanija tieghu kellha Lm65,000 passiv mal-kredituri u l-banek.

(e) L-Arbitru ikkonsidera li mill-ezami tad-dokumenti ezebiti il-kumpanja Windmill Aluminium Ltd. kienet kummercjalment vijabbli peres li kellha aktar krediti milli dejn u n-nuqqas tat-tqassim ta' dividenti fih innifsu mhux bizzejjed biex iwaqqaf lid-Direttur tas-Sigurta' Socjali milli jiehu wkoll in konsiderazzjoni l-profitt mhux distribwit tal-kumpanija.

(f) L-Arbitru izda tenna li ma jaqbilx ma' l-esponent li ghandu jikkonsidera l-profitt gross tal-kumpanija qabel ma titnaqqas it-taxxa ghaliex skond hu t-taxxa qatt ma setghet tigi ricevuta mill-appellat.

Illi l-aggravju tad-Direttur appellant hu li gej :-

L-artikolu 76 tal-Kap. 318 jipprovdi ghall-ghoti ta' dan il-beneficcju. Hemm dispost li l-allowance tkun pagabbli skond il-mezzi totali tal-kap tal-familja matul is-sena relattiva u dawn il-mezzi jigu ikkalkolati skond il-provvedimenti tat-Taqsima VII tat-Tieni Skeda ta' l-att.

Din l-iskeda tipprovdi li ghall-finijiet ta' l-Artikolu 76, ghandu jitqies id-dhul li gej minn kull proprjeta', li tkun investita jew tintuza bi qliegh, bl-eskluzjoni ta' ghamara, gojjellerija u hwejjeg ohra personali, u kull dhul jew privilegg li jigi jew jista' jigi ricevut mill-kap tal-familja u mill-konjugi tieghu jew taghha.  Hemm provdut ukoll fis-sub-inciz 2 li :

> "*Fil-kalkolu tad-dhul jew privilegg li jkun jew jista' jigi ricevut jew li jitgawda mill-kap tal-familja jew martu, ma ghandhomx jitqiesu …..*"

u l-ligi mbaghad issemmi dak id-dhul li m'ghandux jitqies fil-kalkolu tal-mezzi.

Dawn huma :

(a) certi *allowances* li jithallsu taht il-Kap. 318 ;

(b) ghajnuna medika li wkoll tithallas taht l-att ;

(c) ghotjiet ghal korriment u pensjonijiet ghal korriment ;

(d) *allowance* li tithallas lill-armla ;

(e) il-kontribuzzjonijiet li jithallsu taht u skond l-att u, finalment,

(f) fil-kaz ta' l-ewwel tifel, kull dhul jew privilegg li jigi ricevut kif stipulat fl-istess sub-inciz.

Minn dan l-elenku ghandu jirrizulta ampjament li m'hemm l-ebda provvediment li bih il-legislatur ried li jeskludi mill-kalkolu tal-mezzi l-hlasijiet tat-taxxa fuq id-dhul.

*Ubi lex voluit dixit* ; kienet haga ferm facili li l-ligi tghid espressament li l-mezzi jigu kalkolati wara li titnaqqas it-taxxa fuq id-dhul izda dan m'ghamlitux. Bil-kuntrarju fejn il-ligi riedet li l-kontribuzzjonijiet imhallsa taht l-att (komunement imsejjha "l-bolla") jigu eskluzi dan qalitu *expressis verbis*. Fil-fatt anki fl-istess applikazzjoni ta' l-*Allowance* tat-Tfal hemm enfasi li ghandu jigi dikjarat id-dhul ***gross*** (cioe' qabel kull tnaqqis) minn flus fil-banek jew investimenti ohra kemm lokali u kemm barranin bhal imghaxijiet u dividenti.

Illi ghalhekk m'hemm l-ebda gustifikazzjoni legali jew fattwali ghall-Arbitru li arbitrarjament jiddeciedi li mid-dhul ghandha titnaqqas t-taxxa ta' l-income. Decizjoni bhal din, inoltre, tohloq diskriminazzjoni fil-konfront ta' kull beneficjarju iehor, sew impjegat kif ukoll min jahdem

ghal rasu, billi d-dhul ta’ dawn dejjem jigi kalkolat **gross**, cioe’ minghajr tnaqqis tat-taxxa, u dan fit-termini ta’ l-istess Skeda.

Haga sorprendenti hafna wkoll f’din id-decizjoni huwa l-fatt li l-istess Arbitru kien inkonsistenti mieghu nnifsu f’decizjonijiet li ta precedentement ghaliex dejjem irritjena, kif kellu jirritjeni jekk ried jimxi ma’ l-ittra u l-ispirtu tal-ligi, li d-dhul kalkolat huwa wiehed gross u mhux net wara li titnaqqas it-taxxa ta’ l-income. Ghal kull buon fini l-esponent jaghmel referenza ghad-decizjonijiet fl-ismijiet *Anthony Tanti vs DSS* (deciza mill-Arbitru 8/2/2000) u *Charles Borg vs DSS* (*ibid* 10/11/99).

Ghaldaqstant l-appellant Direttur tas-Sigurta’ Socjali talab li din il-Qorti joghgobha tilqa’ dan l-appell u tirriforma d-decizjoni ta’ l-Arbitru billi tikkonfermaha f’dik il-parti fejn tenniet li d-decizjoni ta’ l-esponent li l-profitti mhux distribwiti tas-socjeta’ ta’ l-appellat fil-fatt gew ricevuti minnu u thassar, tannulla u tirrevoka d-decizjoni ta’ l-Arbitru msemmija f’dik il-parti fejn iddikjarat li l-esponent ghandu jikkonsidera l-profitti tal-kumpanija ghas-sena 1996 wara li titnaqqas it-taxxa fuq id-dhul, bl-ispejjez kontra l-appellat.

3. Rat li ma kien hemm ebda risposta da parti ta’ l-appellat.

Trattat l-appell.

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI</u>**

4. Il-fatti tal-kaz, anke kif esposti mill-appellant intimat, ma jaghtux lok ghal xi nuqqas ta' qbil ghax sostanzjalment huma korretti. Il-vertenza bejn il-partijiet hija wahda ta' natura legali, cioe' jekk il-profitti ta' kumpanija li ma jkunux gew mghoddija lill-azzjonist jew azzjonisti ta' dik il-kumpanija ghandhomx jitqiesu bhala "gross" jew ghandhomx invece jitnaqqsu minnhom it-taxxa fuq il-qliegh ("income tax") dovuta fuqhom. Dan hu hekk 'il ghaliex din il-Qorti taqbel ukoll ma' dik il-parti tas-sentenza appellata, u li dwarha ma sar l-ebda appell incidentali, li rriteniet li l-"undistributed profits" ta' socjeta' kummercjali ghandhom jitqiesu bhala parti mid-dhul finanzjarju ta' min suppost jircievihom u ghal fini ta' ffissar tal-mezzi tieghu riferibbilment ghall-"means test" li jrid isir biex jitqies jekk persuna hijiex intitolata tircievi, u f'liema ammont, l-"allowance" fuq il-tfal dipendenti. Fi kliem aktar semplici, it-taxxa fuq id-dhul talvolta dovuta minn dik is-socjeta' ghandha tigi eskluza mill-qliegh spettanti lill-beneficcjarju ghall-fini tal-Kap 318?

5. Il-Qorti, wara li qieset is-suespost, hija tal-fehma li ghalkemm ir-raguni wahidha donnha tissuggerilek bi profitt jew qliegh li minnu ghad trid titnaqqas it-taxxa jfisser li dan jista' ma jkunx percipibbli interament mir-recipjent u kwindi <u>prima facie</u> jidher li huwa ezenti, tali ezenzjoni jew kunsiderazzjoni invece trid tohrog <u>ex lege</u> u ma tistax semplicement tigi dezunta jew assunta xort'ohra. Dan <u>multo magis</u> meta (i) il-ligi specjali

li tirregola l-materja ssemmi u tispecifika liema huma dawk il-kazi li ghandhom jigu mittiehda in konsiderazzjoni ghal fini ta' tnaqqis – jigifieri l-Kap. 318 tal-Ligijiet ta' Malta – u (ii) fejn it-taxxa dovuta mill-kumpanija (a differenza mela tal-azzjonist) tkun ghadha lanqas biss ma ghadha giet imnaqqsa. Dan ukoll qieghed jinghad ghaliex li kieku l-profitti tas-socjeta' jkunu gja' gew effettivament imqassma u jkun ukoll jirrizulta bic-car li l-beneficcjarju jkun ircieva ammont determinat, f'dak il-kaz jista' jkun difficli jigi argomentat li l-"income" gross tieghu kien f'ammont oghla minn dak realment ippercepit minnu. F'dan il-kaz in ezami pero' din l-ipotesi ma tqumx u, konsegwentement, il-qliegh jew id-dhul ta' dik il-persuna ghandha titqies fuq l-"undistributed profits" tal-kumpanija bhala "gross" u mhux diversament.

6. Id-dritt ghall-"allowance" tat-tfal huwa regolat bl-artikolu 76 tal-Kap. 318 li kwantu ghal dak li ghandu x'jaqsam ma' kalkolu tal-"allowance" talvolta dovuta jaghmel riferenza ghad-disposizzjonijiet tat-Taqsima VII tat-Tieni Skeda ta' dak l-Att.

Kif tajjeb jissottometti l-appellant fir-rikors t'appell tieghu, din l-iskeda tipprovdi dwar x'ghandu jitqies bhala dhul fil-kalkoli tal-mezzi u din tispecifika dhul li gej minn kull proprjeta', li tkun investita jew tintuza bi qliegh ad eskluzjoni ta' ghamara, gojjellerija u hwejjeg ohra personali, u kull dhul jew privilegg li jigi jew jista' jigi ricevut mill-Kap tal-familja u mill-konjugi tieghu jew taghha, skond il-kaz.

Fis-subinciz (2) tal-artikolu 1 ta' l-Ewwel Taqsima ta' din it-Tieni Skeda mbaghad jinghad espressament li,

> "Fil-kalkoli tad-dhul jew privilegg li jkun jew jista' jigi ricevut jew li jitgawda mill-kap tal-familja jew martu, ma ghandhomx jitqiesu ….."

u l-ligi telenka dak id-dhul li m'ghandux jitqies fl-imsemmija kalkolu dwar il-mezzi. Dawn l-ezenzjonijiet huma li gejjin :

(a) certi "allowances" li jithallsu taht il-Kap. 318 ;

(b) ghajnuna medika li wkoll tithallas taht l-Att ;

(c) ghotjiet ghal korriment u pensjonijiet relativi ;

(d) "allowance" mhallas lill-armla ;

(e) il-kontribuzzjonijiet li jithallsu taht u skond l-Att ;

(f) fil-kaz ta' l-ewwel tifel, kull dhul jew privilegg li jigi ricevut kif stipulat fl-istess sub inciz.

Mis-suespost ma tirrizulta <u>l-ebda</u> ezenzjoni bhax-xorta reklamata mill-appellat u, konsegwentement, anke fuq il-principju li <u>ubi lex voluit dixit</u>, l-Arbitru kien zbaljat meta wasal ghad-decizjoni tieghu f'dik il-parti mis-sentenza appellata.

Ghal dawn ir-ragunijiet ;

Tiddecieda billi, filwaqt li tilqa' l-appell tad-Direttur tas-Sigurta' Socjali, qieghda tirriforma s-sentenza appellata, minn kif moghtija fl-20 ta' Ottubru 2000, billi tikkonferma dik il-parti fejn laqghet u kkonfermat id-decizjoni tal-appellant Direttur li l-profitti mhux distribwiti tas-socjeta' ta' l-appellat fil-fatt ghandhom jigu kkunsidrati bhala parti mill-qliegh jew mezzi tal-appellat ghall-fini tal-Kap. 318 u tirrevoka u thassar dik il-parti tas-sentenza appellata kif moghtija mill-Arbitru fejn hemm iddikjarat li l-appellant ghandu jikkunsidra l-profitti tal-kumpanija ghas-sena 1996 wara li titnaqqas it-taxxa fuq id-dhul, u dan bl-ispejjez gudizzjarji kontra l-appellat Anthony Taliana.

Dep/Reg mg